MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1253/2010

**Vodafone Malta Ltd**
**C-10865**

**vs**

**Zammit Charlot**
**I.D. 339789(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici, talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€522.46), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kotndenti u skond ir-rendikont anness ma l-avviz tat-talba markat bhala Dok A.

Illi l-konvenut gie interpellat divers drabi b'talba ghall-pagament effetiv, izda baqa' inadempjenti ghal tali talba,

ghalhekk l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagamnet effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma hames mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€522.46), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------